



Brussell, 23 ta' Mejju 2024
(OR. en)

10254/24

LIMITE

COPEN 277
JAI 865

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 2)/Kunsill
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-tiŝiħ tal-kooperazzjoni ġudizzjarja ma' pajjiżi terzi fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata - Approvazzjoni

1. Il-Presidenza pproponiet abbozz għal sett ta' konklużjonijiet tal-Kunsill dwar "it-tiŝiħ tal-kooperazzjoni ġudizzjarja ma' pajjiżi terzi fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata". Il-proposta ġiet eżaminata fil-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsill "COPEN" u ġiet diskussa wkoll fil-kumitat ta' livell għoli CATS. L-abbozz ġie modifikat fuq ftit punti u mbagħad ġie ffinalizzat fid-dokument 10077/24.
2. Id-delegazzjonijiet sussegwentement ikkonfermaw it-test finali, billi ma qajmu l-ebda oġġezzjoni meta l-iskadenza għalhekk skadiet l-Erbgħa 22 ta' Mejju fl-10:00.
3. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden:
 - (a) jikkonferma l-qbil dwar it-test tal-Konklużjonijiet kif jinsab fl-Anness ta' din in-nota.
 - (b) jirrakkomanda li l-Kunsill japprova l-Konklużjonijiet kif jinsabu fl-Anness ta' din in-nota.

Konklużjonijiet tal-Kunsill

"Il-ġlieda kontra t-traffikar tad-droga u l-kriminalità organizzata:

it-tisħiħ tal-kooperazzjoni ġudizzjarja ma' pajjiżi terzi"

Introduzzjoni**Il-kwistjoni ġenerali**

- a) Il-kriminalità organizzata u t-traffikar illeċitu tad-droga jirrappreżentaw theddida kbira għaċ-ċittadini, in-negozji u l-istituzzjonijiet Ewropej, kif ukoll għall-ekonomija Ewropea u s-sigurtà tal-Istati Membri. Il-gruppi tal-kriminalità organizzata qed jużaw dejjem aktar il-vjolenza estrema, l-infiltrazzjoni tal-ekonomija leċita u l-korruzzjoni, u b'hekk inaqqsu l-istat tad-dritt u jipperikolaw il-prinċipji fundamentali tad-demokraziji tagħna.
- b) L-Istrateġija tal-UE biex tiġi indirizzata l-kriminalità organizzata 2021-2025¹ għandha l-għan li tagħti spinta lill-infurzar tal-liġi u l-kooperazzjoni ġudizzjarja, tindirizza l-istrutturi tal-kriminalità organizzata u r-reati ta' prijorità għolja, tneħħi l-profitti kriminali u tiżgura rispons modern għall-iżviluppi teknoloġiċi. L-Istrateġija tal-UE dwar id-Drogi 2021-2025 u l-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Drogi 2021-2025 jipprovdu l-qafas politiku ġenerali dwar il-politika dwar id-drogi. Jieħdu approċċ ibbażat fuq l-evidenza, integrat, ibbilanċjat u multidixxiplinarju għall-fenomeni tad-drogi fil-livell nazzjonali, tal-UE u dak internazzjonali. Dokument aktar reċenti, il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-Pjan Direzzjonali tal-UE għall-ġlieda kontra t-traffikar tad-droga u l-kriminalità organizzata², tistabbilixxi azzjonijiet dwar it-tisħiħ tar-reżiljenza taċ-ċentri loġistiċi, inkluż permezz tal-Alleanza tal-Portijiet Ewropej, dwar iż-żarmar ta' networks kriminali ta' riskju għoli, dwar il-prevenzjoni u dwar il-kooperazzjoni internazzjonali.

¹ 8085/21 + ADD1

² 14114/23

- c) Abbażi ta' dan il-qafas, u fl-isfond tas-sitwazzjoni dejjem aktar allarmanti tad-drogi, hemm hteġa konvinċenti li jittieħdu azzjonijiet li jħallu impatt fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata relatata mad-droga, fi sforz kollaborattiv mill-Istati Membri, l-istituzzjonijiet u l-aġenziji tal-UE, u f'approċċ multidimensjonali. Dawn il-konklużjonijiet jindirizzaw l-aspetti ta' dawn l-azzjonijiet li huma relatati mat-tisħiħ tal-kooperazzjoni ġudizzjarja ma' pajjiżi terzi.

Kooperazzjoni ġudizzjarja

- d) Il-maġġoranza tal-aktar networks kriminali ta' theddida għandhom firxa li testendi lil hinn mill-UE. Din il-firxa dinjija hija riflessa fil-kompożizzjoni tan-networks kriminali, b'112-il nazzjonalità rrappreżentati fost il-membri tal-aktar 821 network kriminali ta' theddida³. Il-kooperazzjoni ġudizzjarja ma' pajjiżi terzi hija għalhekk essenzjali biex tiffaċilita l-prosekuzzjoni u tressaq membri ta' networks kriminali quddiem il-ġustizzja.
- e) Il-kooperazzjoni ġudizzjarja ma' pajjiżi terzi diġà hija żviluppata sew, kemm fil-livell tal-Istati Membri kif ukoll tal-UE. Fil-livell tal-UE, diġà jeżistu bosta għodod, fora u strumenti legali. Il-Eurojust, l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE) u n-Network Ġudizzjarju Ewropew f'materji kriminali (NĠE), b'mod partikolari, dejjem qed jespandu l-involvement u s-šhubijiet tagħhom ma' pajjiżi terzi biex jiffaċilitaw il-kooperazzjoni ġudizzjarja. Huma meħtieġa miżuri addizzjonali, fil-limiti tat-Trattati, biex tittejjeb aktar il-kooperazzjoni ġudizzjarja ma' pajjiżi terzi fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata. Din il-ħidma għandha tiffoka fuq għadd limitat ta' prijoritajiet sabiex jinkisbu riżultati fi żmien qasir.

³ Rapport pubbliku tal-Europol, "Decoding the EU's most criminal networks" (Niddekodifikaw in-networks kriminali l-aktar ta' theddida tal-UE).

- f) Miżuri li jistgħu jittieħdu kemm fil-livell tal-Unjoni kif ukoll dak nazzjonali biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali jvarjaw skont il-pajjiż terz ikkonċernat. L-elementi li għandhom jitqiesu jinkludu: il-livell eżistenti ta' kooperazzjoni ġudizzjarja u fl-infurzar tal-liġi; is-sitwazzjoni f'termini tal-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali, inkluż il-protezzjoni tad-data; is-sitwazzjoni tal-pajjiż terz bħala pajjiż ta' oriġini, tranżitu jew destinazzjoni ta' vittmi u oġġetti traffikati; il-punt sa fejn il-pajjiż terz huwa pajjiż ta' oriġini ta' organizzazzjonijiet kriminali attivi fl-UE; il-punt sa fejn il-pajjiż terz jintuża ħażin bħala rifuġju sikur minn persuni li huma suspettati li għandhom rwol ewlieni fl-attivitàjiet ta' organizzazzjoni kriminali u jibbenefikaw mill-attivitàjiet kriminali u r-rikavati - imsejħin ukoll miri ta' valur għoli. L-eżistenza ta' dgħufijiet konsiderevoli li jikkontribwixxu għall-kapaċità tal-organizzazzjonijiet kriminali li jaħslu l-flus jew li jittrasferixxu assi ta' oriġini illegali permezz tas-sistema finanzjarja hija element ieħor li jista' jitqies. Il-miżuri ta' hawn taħt għandhom jiġu vvalutati mill-partijiet ikkonċernati kollha involuti, skont il-mandati u l-kompetenza rispettivi tagħhom u f'konformità mal-prinċipju ta' kooperazzjoni leali, fir-rigward ta' kull pajjiż terz li miegħu hemm bżonn li tittejjeb il-kooperazzjoni ġudizzjarja. Dawn għandhom jiġu implimentati b'mod flessibbli, filwaqt li jitqiesu d-diversi sitwazzjonijiet u l-kuntest speċifiku.
- g) F'konformità mat-Trattati, l-Istati Membri jżommu kompetenza wiesgħa fir-rigward tad-determinazzjoni tal-aktar għodod effettivi għall-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali ma' pajjiżi terzi fuq bażi bilaterali. Il-biċċa l-kbira tal-miżuri elenkati hawn taħt huma biex jikkomplementaw il-miżuri meħuda mill-Istati Membri fil-livell bilaterali fl-involviment tagħhom ma' pajjiżi terzi fir-rigward tal-kooperazzjoni ġudizzjarja.

Konklużjonijiet tal-Kunsill

1. Il-Kunsill jenfasizza l-ħtieġa li tissaħħaħ il-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali ma' pajjiżi terzi bħala parti mill-isforzi għall-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata. F'dan il-kuntest, u filwaqt li jappoġġa l-isforzi kontinwi dwar il-kooperazzjoni ġudizzjarja ma' pajjiżi terzi b'mod ġenerali, il-Kunsill iqis li hija meħtieġa aktar ħidma. Il-miżuri l-ġodda proposti li għandhom jittieħdu fil-livell tal-UE huma maħsuba biex jikkomplementaw u jsaħħu l-azzjoni eżistenti tal-UE u l-azzjoni meħuda mill-Istati Membri b'mod bilaterali.
2. Miżuri ġodda għandhom jiffukaw fuq pajjiżi terzi li magħhom sforzi addizzjonali jkunu partikolarment ta' benefiċċju sabiex tissaħħaħ il-kooperazzjoni ġudizzjarja fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata. Il-pajjiżi terzi jistgħu jiġu identifikati fuq il-bażi ta' kriterji rilevanti, bħall-ġhadd ta' "miri ta' valur għoli"⁴ li jinsabu f'pajjiżi terzi koperti minn talbiet għal kooperazzjoni ġudizzjarja (inkluż talbiet għal estradizzjoni, talbiet għal assistenza legali reċiproka u talbiet bil-ħsieb ta' konfiska) u l-eżistenza ta' dgħufijiet konsiderevoli li jikkontribwixxu għall-kapaċità tal-organizzazzjonijiet kriminali li jaħslu l-flus jew li jittrasferixxu assi ta' oriġini illegali permezz tas-sistema finanzjarja (minn hawn 'il quddiem, għall-fini ta' dawn il-konklużjonijiet, bħala "pajjiżi terzi ta' prijetà").
3. F'dan il-qafas, il-Kunsill jistieden lill-Eurojust, f'konsultazzjoni fejn xieraq man-NĠE, il-Europol u l-UPPE, biex tiġbor u tivvaluta informazzjoni dwar il-pajjiżi li magħhom il-kooperazzjoni msaħħa hija ta' importanza partikolari għall-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata, u biex tibgħat ir-riżultati lill-Kunsill u lill-Kummissjoni għad-diskussjoni. Sadanittant, il-ħidma fuq il-miżuri deskritti hawn taħt diġà tista' tibda abbażi ta' evalwazzjoni tal-ħtiġijiet imwettqa minn kull Stat Membru, il-Kummissjoni u l-Eurojust. Dan ser jippermetti prijoritizzazzjoni u koordinazzjoni aħjar fil-futur.

⁴ Miri ta' valur għoli huma individwi u organizzazzjonijiet kriminali li jikkostitwixxu l-ogħla riskju ta' kriminalità organizzata u serja, [Dokument ta' Programmazzjoni tal-Europol 2024–2026](#), p. 58.

4. Il-Kunsill jistieden lill-Istati Membri, lill-Kummissjoni, lill-Eurojust u lin-NĠE biex jorganizzaw skambji ta' esperjenza u l-aħjar prattiki bejn esperti mill-Istati Membri rigward il-kooperazzjoni ġudizzjarja ma' pajjiżi terzi ta' prijorità. Ser ikun importanti li mhux biss il-prosekuturi u, fejn applikabbli, l-imħallfin investigattivi u l-uffiċjali tal-infurzar tal-liġi iżda wkoll l-awtoritajiet ċentrali jiġu mistiedna jieħdu sehem f'dawn il-laqgħat. Il-flessibbiltà hija importanti wkoll, meta jitqies li l-Istati Membri għandhom gradi differenti ta' kooperazzjoni u ħtiġijiet fir-rigward ta' pajjiżi terzi speċifiċi.
5. L-Istati Membri huma mistiedna jiżguraw li l-awtoritajiet tal-Istati Membri preżenti f'pajjiżi terzi ta' prijorità u li jaqdu rwol fl-iffaċilitar tal-kooperazzjoni ġudizzjarja bħal, skont l-organizzazzjoni ta' kull Stat Membru, uffiċjali ta' kollegament, maġistrati ta' kollegament jew rappreżentanzi diplomatiċi jiġu mħeġġa jaqsmu l-esperjenzi li jkunu kisbu u l-prattiki tajbin li jkunu żviluppaw matul il-kooperazzjoni ġudizzjarja tagħhom f'materji kriminali mal-pajjiżi terz ikkonċernat u, fejn xieraq, jiddiskutu approċċi konġunti possibbli għall-komunikazzjoni mal-awtoritajiet tiegħu. Tali skambji jistgħu jiġu organizzati informalment u b'manjiera flessibbli, bl-involviment ta' rappreżentanti tal-UE fejn xieraq.
6. Il-Eurojust żviluppat kooperazzjoni intensiva ma' għadd ta' pajjiżi terzi. Waħda mill-forom ta' tali kooperazzjoni hija s-sekondar ta' prosekuturi ta' kollegament fil-Eurojust. Ġew konklużi bosta ftehimiet ta' kooperazzjoni u bħalissa qed jiġu nneozjati aktar u ser jiġu konklużi mill-UE. Dan l-approċċ wera li kien partikolarment siewi. Jistgħu jkunu meħtieġa sforzi addizzjonali f'każijiet operazzjonalment ġustifikati. Il-Eurojust hija mistiedna tikkunsidra li tissekonda maġistrati ta' kollegament kif previst fl-Artikolu 53 tar-Regolament (UE) 2018/1727 f'każijiet magħżula u fejn possibbli fi ħdan l-implimentazzjoni tal-baġit.

7. L-eżistenza ta' ftehim internazzjonali li jipprevedi bażi legali għall-kooperazzjoni ġudizzjarja ma' pajjiżi terzi tiffaċilita ħafna tali kooperazzjoni. L-Istati Membri, is-SEAE u l-Kummissjoni huma mistiedna jippromwovu l-adeżjoni minn pajjiżi terzi ta' prijarità għall-konvenzjonijiet tal-Kunsill tal-Ewropa li jipprovdu tali bażi legali, b'mod partikolari l-Konvenzjonijiet dwar l-estradizzjoni u dwar l-assistenza legali reċiproka u l-protokolli tagħhom. L-adeżjonijiet għandhom jiġu promossi f'kooperazzjoni mal-Kunsill tal-Ewropa.
8. Huwa importanti li jiġu kkombinati l-isforzi diplomatiċi għal kooperazzjoni aktar effettiva ma' pajjiżi terzi prijaritarji. Din tkun tinkludi modi kif jiġi żgurat li kwistjonijiet ta' kooperazzjoni ġudizzjarja, b'mod partikolari diffikultajiet biex tinkiseb estradizzjoni, jitqiesu sew f'diskussjonijiet usa' bejn l-UE u dawn il-pajjiżi terzi. Għal din ir-raġuni:
- a) Il-Kummissjoni, b'konsultazzjoni mal-Eurojust u, fejn xieraq, mal-Europol u s-SEAE, hija mistiedna tħejji u taġġorna regolarment pakkett ta' informazzjoni għall-involvement ma' pajjiżi terzi prijaritarji, inkluż data rilevanti dwar il-livell tal-infurzar tal-liġi u l-kooperazzjoni ġudizzjarja. Dan il-pakkett ta' informazzjoni jista' jintuża fid-diversi fora ta' kooperazzjoni, fi djalogi politiċi jew fi żjarat minn rappreżentanti tal-UE. Għandu jinqasam ukoll mal-Istati Membri għall-kuntatti tagħhom stess mal-pajjiżi terzi ikkonċernat.
 - b) Il-Kummissjoni u l-Istati Membri huma mistiedna jorganizzaw, fejn xieraq, djalogi ddedikati ta' "Tim Ewropa" ma' pajjiżi terzi ta' prijarità, bil-preżenza ta' rappreżentanti ta' livell għoli tal-Kummissjoni u tal-Istati Membri rilevanti, biex jiddiskutu speċifikament kif tista' tittejjeb il-kooperazzjoni ġudizzjarja fuq in-naħat kollha.

9. Il-miżuri deskritti hawn fuq jikkostitwixxu sett ta' għodod għall-kooperazzjoni għudizzjarja ma' pajjiżi terzi biex jintużaw b'mod flessibbli u skont iċ-ċirkostanzi speċifiċi (inkluż is-sitwazzjoni f'termini ta' indipendenza għudizzjarja, drittijiet tal-bniedem u protezzjoni tad-data). Dan is-sett ta' għodod huwa partikolarment siewi fil-qafas tal-isforzi addizzjonali biex tittejjeb u tiġi intensifikata l-kooperazzjoni għudizzjarja ma' pajjiżi terzi prijoritarji, f'koordinazzjoni mal-isforzi tal-infurzar tal-liġi. Is-sett ta' għodod huwa rilevanti wkoll fil-kuntest usa' tal-kooperazzjoni għudizzjarja ma' pajjiżi terzi b'mod ġenerali u għandu jitqies f'dak il-kuntest.
-